# Daħla

*(minn Betta Trombetta stess)*

Kif intom ħbieb?

Din id-darba mhux l-awtur li qiegħed jagħmel id-daħla għal dan il-ktieb imma jiena, Betta Trombetta stess. La l-ktieb huwa fuqi tlabt lill-awtur iħallini nikteb kelmtejn jien. Għall-ewwel ma riedx għax waħħalha f'rasu li se nħassarlu kollox. Imma jien ma nafx għalfejn dan il-biża' kollu. Tassew li fl-iskola m'iniex brava ħafna, imma f'ebda eżami qatt ma ġibt inqas minn 10 marki. Fuq kollox, naħseb li ħadd ma jaf jitkellem fuqi daqskemm naf jiena stess. Imma, insomma, fl-aħħar irnexxieli nikkonvinċi lill-awtur biex iħalli d-daħla f'idejja. Għalina, mela!

Billi mhux ilkoll tafuni, jaqbel li nintroduċi ruħi magħkom. Jien jisimni Betta Trombetta u għandi ftit iktar minn għaxar snin. Trombetta mhux xi laqam, tafux, imma kunjomi. Il-papà wkoll Trombetta kunjomu, u meta l-mamà żżewġitu saret Trombetta oħra. Id-dar qegħdin b'kollox ħames Trombetti, għax hemm ukoll ħija l-kbir Franco u ħija ż-żgħir Silvano li huma wkoll Trombetti. (Allaħares nibdew indoqqu kollha f'salt għax nagħmlu storbju sħiħ!) L-ewwel Trombetta fil-familja tagħna kien in-nannu Alberto, li kien Taljan. Hu kien iżżewweġ lin-nanna Marija, imma llum it-tnejn m'għadhomx magħna. Iżda magħna hemm in-nannu Bennard u n-nanna

Marjanna li jiġu l-ġenituri tal-mamà. Dawn mhumiex Trombetti wkoll ... (forsi Bumbarduni, imma ma nafx sew ...) naf biss li joqogħdu magħna wkoll fl-istess dar fi Triq Fażola, f'Ħal Faqqus.

Jien m'għandix qalbi ħażina, imma lil min joqgħod jinkini jew jiġi jitkessaħ miegħi, m'iniex se nħallihielu ħelwa għal melħa. Tnejn minn sħabi, Sina Spiteri u Alfie Carabott, iħobbu jinbxuni ħafna. Imma min iħabbat rasu miegħi jkun qed iħabbatha mal-blat, u jekk jaqsamha jkun tort tiegħu, mhux hekk?

U, bejnietna, ġieli tkun in-nanna Marjanna stess li taqbad miegħi bħal qarnita. Jekk tarawha tgħidulhiex, imma jien kultant naħseb li x-xwejħa bdiet tiżmaga xi ftit, għax lin-nannu Bennard ukoll ġieli tgħajru żaqqu kbira. U mbagħad jien naqbeż għan-nannu għax dak kwiet, mhux bħali, u ma jgħidilha xejn. Allura jkolli ngħidilha xi ħaġa jien, xi trid tagħmel?

Imma issa aħjar nieqaf hawn għax ma rridx li l-awtur jgħid li ħadtlu ħafna spazju mill-ktieb. Hemm ħafna aktar xi ssiru tafu fuqi, u dan issiru tafuh intom u tqallbu l-folji u taqraw l-istejjer.

Saħħa għalikom,<br>
Betta Trombetta

# Il-Ktieb tal-Kera

Kien is-Sibt filgħodu u Betta kienet qiegħda tgħin lill-mamà tagħmel xi ftit faċendi. F'ħin minnhom it-tifla resqet tfarfar is-sett tat-televixin. "Dan in-*notebook* x'inhu jagħmel hawn, fuq it-televixin, mamà?" staqsiet lil ommha hekk kif lemħet ktejjeb roża donnu pitazz żgħir.

"Dak mhux *notebook*, Betta," weġbitha l-mamà. "Dak ktieb tal-kera. Għandha tiġi waħda mara għalih. Ħallejtu hemm biex meta tiġi nsibu mill-ewwel, kemm naqbdu u nagħtihulha."

Betta ma fehmitx. "Imma ktieb tal-kera xi jkun?" staqsiet waqt li fetħet il-librett biex tipprova tara x'kien fih miktub. "U din il-mara għaliex se tiġi titlobhulek?"

"Ara, Betta," bdiet tfehimha l-mamà, "barra l-garaxx fejn idaħħal il-karozza l-papà aħna għandna garaxx ieħor. Dan kien moħli b'xi biċċtejn imbarazz."

"Iva. Dak li għandna fi Triq Favetta," ftakret Betta. "Ġieli ħadni miegħu l-papà meta mar iġib xi ħaġa minn hemm … fih qabda affarijiet qodma jew miksurin!"

"Imma dawk issa m'għadhomx hemm, Bett. Il-papà ħa ħsieb ibattlu u krejnieh lil waħda mara jisimha Vivienne … biex tużah hi, għall-karozza tagħha."

“Eh … iva. Imma lilna tagħtina l-flus talli nħalluha tużah, hux hekk?” riedet taf Betta.

“Iva. Tagħtina mija u ħamsin lira fis-sena. Dawn jissejħu l-flus tal-kera …”

“U dan in-*notebook* roża għaliex jissejjaħ il-ktieb tal-kera, mamà?”

“Għax meta Vivienne ġġib il-flus tal-kera tħallilna wkoll dak il-ktejjeb biex il-papà jiktbilha fuqu li l-flus ikun irċeviehom. Il-kitba tal-papà sservi ta’ rċevuta biex Vivienne jkollha x’turi li l-kera tkun ħallsitha. Il-flus u l-ktieb ġabithom ilbieraħ u l-papà kitbilha l-irċevuta lbieraħ stess. Issa Vivienne, illum jew għada, tiġi għall-ktieb u nagħtuhulha biex iżżommu hi …”

“Issa qed nifhem, mamà,” qalet Betta waqt li bdiet taqra x’kien kiteb il-papà.

Fil-pront daħlet ħdejhom in-nanna Marjanna b’kaxxa tal-aspirini f’idha. “Għandi rasi se tinqasam bl-uġigħ u aspirini ma fadalx …” ilmentat ix-xwejħa. “L-aħħar tnejn ħadthom dalgħodu malli qomt, imma rasi m’għadditlix. Għandi bżonn tnejn oħra.”

“Ara, Betta, ħalli l-faċendi f’idejja u mur għand l-ispiżjar ixtri kaxxa aspirini oħra,” qalet il-mamà lil bintha waqt li qabdet il-portmoni biex tagħtiha l-flus. “Ħu l-kaxxa vojta miegħek biex tgħidlu jagħtik waħda bħalha. Kemm tista’ ħaffef ħalli ma nħallux in-nanna muġugħa.”

Betta ħadet il-flus minn id il-mamà, u l-kaxxa vojta tal-aspirini minn id in-nanna, u telqet tħaffef għal għand l-ispiżjar. Għax, għalkemm hi u n-nanna ma tantx

jingwalawha, it-tifla tħobbha lix-xwejħa u ma xtaqitx taraha muġugħa.

Betta waslet għand l-ispiżjar b'nifisha maqtugħ. Hi u dieħla tgħaġġel tfixklet fit-tapit oħxon li kellu quddiem il-bieb u lwiet sieqha l-leminija waħda sew. "Aħħħħ!" karbet it-tifla waqt li refgħet sieqha muġugħa u bdiet taqbeż bl-uġigħ fuq sieqha l-oħra. In-nies li kienu fl-ispiżerija nħasdu u resqu fuq Betta jżommuha biex ma taqax. Waħda mara oħra, iżda, infexxet tidħaq kemm tiflaħ għad-dehra ta' Betta titkerraħ bl-uġigħ.

"Dawn mhumiex affarijiet tad-daħq, taf!" ċanfarha s-Sur Zerafa, l-ispiżjar xwejjaħ, waqt li ressaq siġġu lejn Betta biex din isserraħ fuqu. "Din it-tifla setgħet waqgħet fuq il-vetrina u korriet sew mal-ħġieġ! Aħjar ngħinuha minflok nidħqu biha!"

"Kif tista' ma tidħaqx meta tara dak il-kruha ta' wiċċ li qed tagħmel?" qaltlu bejn daħqa u oħra dik il-mara bla għaqal. "Ma tidħaqx meta tara *funny face* bħal dak!... Għall-erwieħ x'waħda daħħqitni dalgħodu! Nixtieqni għandi l-kamera ħalli noħdilha ritratt b'dak il-kruha ta' wiċċ li għandha," żiedet waqt li bdiet timsaħ id-dmugħ minn għajnejha bil-ponot ta' subgħajha.

Betta xejn ma kellha aptit dawk il-kummenti dak il-ħin, u li kieku ma kinitx muġugħa kienet żgur tagħti lil dik il-mara xebgħa lsien kif tmiss il-liġi. U kienet tkun tixirqilha fis-sewwa kollu għax dawk il-kummenti vojta u dak id-daħq bla sens kienu tassew barra minn lokhom.

L-ispiżjar twajjeb ġab stoċċ ingwent mill-vetrina u lil Betta dilkilha l-għaksa ta' sieqha bih. Kienet intefħitilha


FSchembri

xi ftit iżda, wara li s-Sur Zerafa nfaxxahielha tajjeb, it-tifla setgħet tpoġġi sieqha mal-art u timxi fuqha bil-mod. "Dan l-ingwent ħudu miegħek u ibqa' idlikha tliet darbiet kuljum," qal l-ispiżjar lit-tifla. "Ksur m'għandekx u ma ddumx ma tgħaddilek. Imma l-faxxa tneħħihiex għalissa."

Imbagħad ġabar it-tapit mill-art u b'xi ftit sens ta' ħtija żied jgħid, "Dan it-tapit aħjar inneħħih minn hawn li ma jmurx jerġa' jwaqqa' lil xi ħadd ieħor … hekk jew hekk illum mhix xita." Daħħal it-tapit f'kamra li kellu fuq ġewwa u ħasel idejh sew. Meta reġa' lura sab lil Betta tħares bl-ikrah lejn dik is-sinjura li kienet għadha tidħaq minn taħt u taqleb għajnejha lejn it-tifla.

L-ispiżjar Zerafa seta' jobsor x'kien se jinqala' u għalhekk ħaseb biex jaqdi lil Betta ħalli jibgħatha. Din talbitu l-aspirini. L-ispiżjar newwilhomlha u tħallas tagħhom biss. Tal-faxxa u l-ingwent ma riedx flus. "Issa mur bil-mod," qal lit-tifla, "u la tasal id-dar żomm sieqek irpużata." U Betta telqet tfekren bil-mod u zzappap fuq sieqha minfuħa.

Il-mamà u n-nanna Marjanna nħasdu hekk kif raw lil Betta quddiemhom b'sieqha nfaxxata. Riedu jafu x'ġara u Betta qaltilhom l-istorja kollha u, m'għandniex xi ngħidu, uriet l-għadab tagħha għal dik il-mara li qagħdet tidħaq biha. "Allaħares kont hemm jien," irrabjat iżjed minnha n-nanna, "għax int ilwejt sieqek u lilha kont nilwilha għonqha!" Għax minkejja li magħmula żgħira donnha pespus ix-xwejħa taf tkun qalila daqs l-ikbar seqer!